# ĦIDMA LI WETTAQNA FL-1942

*(Rapport tas-Segretarju dwar il-ħidmiet ta' "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għas-sena 1942)*

Sur President, Ħbieb tiegħi,

Is-sena 1942, ngħiduha kif inhi, xejn ma bdiet sabiħ. Għall-ewwel tliet xhur kull ħeġġa u kull ħidma li xtaqna nwettqu b'riżq il-Malti kienet imfixkla sħiħ, biex ma ngħidx imxejna, mill-ħbit qawwi u bla hedu ta' l-egħdewwa tagħna, l-egħdewwa tal-ħelsien u taċ-ċiviltà. L-effett ta' dawn l-attakki nħass ħafna, hekk hu minnu li fl-ewwel tliet xhur sejjaħt tliet laqgħat tal-Kumitat, tnejn minnhom ma sarux imħabba li ma kien hemmx "quorum" u l-oħra saret bi 3 membri biss li ħadu sehem u din ħtiġilna nagħmluha ġo xelter waqt li fl-ajru kien hemm taħbila waħda ta' mewt u ta' qerda. Jien żgur li ħadd minnkom ma jitfa' ebda ħtija fuq dan in-nuqqas ta' ħidma: ix-xogħol tagħna ridna nagħmluh, xtaqna nwettquh, imma konna mfixkla mhux ftit. Iżda b'dankollu ma kien hemm ebda qtigħ il-qalb. Fix-xahar ta' Marzu ngħażel Kumitat ġdid, taħt it-tmexxija ta' Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H. u dak li ma għamilniex fl-ewwel tliet xhur pattejnieh fix-xhur ta' wara.

## STATUT ĠDID

Il-Kumitat il-Ġdid l-ewwel ma ntefa' fuq ix-xogħol ta' Statut Ġdid li l-ħtieġa tiegħu kienet ilha tinħass sewwa. Dan l-Istatut kien inbeda minn Kummissjoni, maħtura f'laqgħa tal-Kumitat li saret nhar is-27 ta' Marzu, 1940, u magħmula minn Dr. Ġużè Galea, Mons. Dun Karm Psaila, Dr. Anton Buttigieg, Is-Sur Nin Cremona u s-Sur Ġużè Chetcuti, Segretarju. Fil-31 ta' Marzu, 1942, żdiedu bħala membri ġodda ta' din il-Kummissjoni Patri Pawl Tabone, o.f.m. u s-Sur Godfrey Zarb Adami. Dr. A Buttigieg u Mons. Dun Karm Psajla ma setgħux ikomplu jwettqu ħidma.

Din il-Kummissjoni ġdida ġiet mogħtija s-setgħa li taħtar minnha n-nfisha Sottokummissjoni, u għalhekk ġew maħturin Dr. Ġużè Galea, is-Sur Nin Cremona u Patri Pawl Tabone (Segretarju) biex isawru huma l-ewwel abbozz ta' l-Istatut.

Din is-Sottokummissjoni ltaqgħet għal erba' darbiet, u nhar is-26 ta' Mejju, 1942, ressqet l-abbozz ta' l-Istatut quddiem il-Kummissjoni kollha li, minn naħa l-oħra, wara li għamlet xi tibdil ċkejken ħafna, ippreżentatu f'Laqgħa tal-Kumitat nhar it-30 ta' Ġunju, 1942. Imbagħad, f'Laqgħa ta' l-Imseħbin Kollha nhar il-21 ta' Awissu, 1942, dan l-Istatut ġie mwettaq u beda jseħħ.

Din kienet l-ewwel biċċa xogħol kbira tal-Kumitat il-ġdid, biċċa xogħol sabiħa daqs kemm meħtieġa.

## LAQGĦAT

Ma' tul is-sena, l-Għaqda sejħet tmien laqgħat tal-Kumitat, tnejn minnhom ma sarux, u żewġ laqgħat oħra ġenerali. Meta wieħed iqis iż-żmenijiet ta' twegħir li sibna ruħna fihom, dan il-għadd ta' laqgħat hu sabiħ ħafna u juri ċar u tond b'liema ħerqa u ħeġġa l-kittieba ta' Malta, qed iwettqu dmirhom—ħaġa li l-Maltin ta' għada għad jiftakru fiha bl-akbar għożża. Minbarra dan, ir-rivista "Il-Malti" baqgħet toħroġ dejjem fi żmienha, b'kitba ta' proża u poeżija mżewqa u mirquma mill-aħjar. Din ir-rivista minn dejjem kienet ir-ruħ tal-"Għaqda" tagħna.

## DIRETTUR ĠDID TA' "IL MALTI"

Skond it-taqsima 31 ta' l-Istatut il-ġdid, il-President tal-Għaqda huwa d-Direttur *ex officio* ta' "Il-Malti". Minn

dan nifhmu li r-rivista issa hi mmexxija minn Dr. Ġuże Galea, M.D., D.P.H. Miż-żewġ ħarġiet li dehru taħt it-tmexxija tiegħu, naraw illi li "standard" tal-kitba ma ġie mnaqqas b'xejn u nżamm fil-għoli fejn dejjem kien. Il-Kumitat tal-Għaqda ma naqasx li jibgħat jiżżiħajr lill-Mons. Dun Karm Psaila għax-xogħol siewi li wettaq ma' tul-medda ta' bosta snin bħala Direttur tar-Rivista. Imma, għalkemm Dun Karm ma baqax id-Direttur ta' "Il-Malti", il-poeżija tiegħu xorta waħda baqgħet iżżejjen ir-rivista tagħna. "Jien ma nonqosx," hu wegħedna, "li nwettaq ix-xewqat tiegħi li nissokta ngħin ir-Rivista b'xi kontribuzzjonijiet tiegħi."

## PATRŨN TAL-"GĦAQDA"

Kienet ħaġa xierqa li l-Għaqda jkollha l-Patrun tagħha u għalhekk dehrilha li għandha taħtar lil San Luqa. L-Art. 1 (b) ta' l-Istatut il-ġdid igħid: "Il-'Għaqda' tagħraf bħala Protettur tagħha lil San Luqa Evanġelista."

Iżjed: Mons Dun Karm Psaila li kien il-President ta qabel ġie maħtur, kif tabilħaqq jixraqlu, President Onorarju flimkien mal-Professur Dun P.P. Saydon u Dr. Alb. V. Laferla, C.B.E., LL.D. Hawnhekk inħoss li xieraq insemmi li bil-mewt ta' Dr. Alb. V. Laferla, wieħed mill-Presidenti Onorarji għas-snin 1942-43, il-"Għaqda"—u Malta kollha—tilfet bniedem mogħni b'dehen u għaqal u mimli b'ħidma bieżla u wtieqa li hu wettaq għall-ġieħ u għall-ġid ta' artna. Dr. Laferla ma għadux iżjed magħna. Bis-saħħa tiegħu bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni, il-Malti mexa mhux ftit 'il quddiem fl-iskejjel tagħna, elementari u sekondarji. Kemm l-Ilsien Malti u l-Għaqda kienu għal qalbu jidher minn l-aħħar ittra li bagħtilna: "Jiena nifhem il-ġieħ li wieħed jieħu sehem f'Kumitat ta' Għaqda Akkademika ta' Lsien Art Twelidu, u iżjed u iżjed meta din tkun l-Omm ta' xirkiet oħra li għandhom l-istess ħsieb".

Ma' tul is-sena 1942 l-Għaqda tilfet membru ieħor akkademiku: Patri Bert Grech, O.P., bniedem li, bħalma tafu, kien mitfugħ b'ruħu w ġismu fil-kitba bil-Malti. Hu rnexxielu jaqleb bi lsienna ħafna mill-poema kbir ta' Virgilio "Enejde", minbarra li tana bosta kitbiet oħra oriġinali. Patri Bert kien bniedem ta' ħila, bniedem mimli bil-ħeġġa ta' mħabba lejn il-Malti li hu minn dejjem ried igħollih, ikabbru u jsebbħu.

"GĦAQDA TAL-MALTI (DOCKYARD)"

Fuq is-sisien tal-Għaqda tagħna twaqqfet għaqda oħra: Il-Għaqda tal-Malti (Dockyard), bil-għan li l-Ilsien Malti jkun meqjum aktar u miktub tajjeb mill Impjegati tat-Tarzna, u biex tħeġġiġhom jiktbu bil-Malti, l-aktar kitba letterarja u kitba teknika. Jalla ż-żerriegħa tajba li din l-Għaqda qed ixxerred fost il-ħaddiema tat-Tarzna trodd egħlejjel sbieħ u kotrana, ta' ġid u ta' riżq għal Ilsien art twelidna.

SUSSIDJU MILL-GVERN

Fuq talba li għamilna lill-Gvern għal sussidju ta' kull sena sabiex, b'riħet l-għajnuna finanzjarja li jagħtina, inkunu nistgħu nżommu toħroġ regulari r-rivista letterarja "Il-Malti", il-Gvern nhar l-14 ta' Ottubru, 1942, weġibna li għal dik is-sena hu mhejji jagħtina £10. B dawn l-£10 li nittamaw li l-Gvern jgħtihomna kull sena, issa żgur li m hemm ebda biża' li qatt tista' tieqaf, kemm-il darba ma jinqala' xejn straordinarju, ir-rivista letterarja tagħna li għal sbatax-il sena sħaħ ta' ħajja ħabrieka qatt ma warrbet mit-triq ta' dmirha u wettqet sehem mill-akbar fil-bini sabiħ u kbir tal-Letteratura maltija.

"THE INTERNATIONAL P.E.N. CLUB"

The London Centre of the International P.E.N. Club ftakret fina fl-okkażjoni tal-għoti tal-George Cross lill-Gżira tagħna. Dan il-Club, li hu magħruf mad-dinja kollha, bagħat permezz tas-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji jifraħ lill-Kittieba ta' Malta għall-almu u fehma sħiħa li wrew, flimkien mal-poplu kollu ta' Malta, ma' tul bosta xhur ta' tiġrib li qatt kien hawn bħalu. Il-poeti jibqgħu ma' tul iż-żmenijiet ifakkru lid-dinja din il-ġrajja epika ta' erojiżmu u qlubija. Fit-tweġiba li l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" bagħtet lill-P.E.N. Club insibu: "Il-Kittieba Maltin għandhom pjaċir igħarrfu lill-'London Centre of the International P.E.N. Club' illi, sabiex tibqa' xhieda tas-sentimenti nazzjonali tal-poplu taħt it-toqol tal-gwerra, l-Għaqda, bħala mera tal-moħħ u l-qalb tal-poplu Malti, xandret fil-ġurnal tagħha 'Il-Malti' sensiela ta' episodji miktubin fi proża u poeżija li, miġburin fi ktieb, jagħmlu paġna mill-isbaħ fl-istorja ta' Malta—il-Gżira tal-George Cross."

B'dawn il-ħsebijiet għolja u b'din il-ħidma kbira nibqgħu mexjin 'il quddiem, ikunu kbar kemm ikunu s-sagrifiċċji u t-tbatijiet li jkollna ngarrbu. Bi spirtu bħal dan aħna nagħtu lil Malta r-rebħa ta' l-idijali tagħha li magħha hi marbuta r-rebħa tal-Lsien Malti.